Minuti tal-Laqgħa Nru. 8 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru 2007 fit-3.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M.<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużati:** | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr Frank Psaila |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Rapport Finanzjaarju ta' Kull Tliet Xhur --- Lulju / Settembru 2007
5. Mozzjonijiet
6. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 7 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sinjura Luċia massa ssekondata mis-Sur Joe Camilleri.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Is-Sindku rrefera għal para. (f) tal-Minuti dwar l-istedina li saret mill-Comune di Fiumicino għall-Konferenza dwar il-Ħames Anniversarju tat-Trattat ta' Ruma. Huwa qal li l-Konferenza se ssir fl-24/25 ta' Novembru 2007, madankollu se tittieħed l-opportunita' biex iż-żewġ naħat jikkonkludu l-proġett ta' ġemellaġġ bejniethom waqt laqgħa konġunta proposta għall-Ġimgħa 23 fil-għodu filwaqt li l-iffirmar isir waqt ċerimonja l-Ġimgħa fil-għaxija. Għalhekk huwa previst li d-delegazzjoni tal-Kunsill titlaq għal Fiumicino fit-22 u tiġi lura Malta fis-26 ta' Novembru 2007.

2.1.i Wara li talab u ngħata l-permess tas-Sindku, is-Segretarju Eżeuttiv qal li għalkemm mhuwiex responsabbli mill-ġemellaġġi, iħoss li għandu jgħarraf lill-Kunsill x'sar biex wasalna f'qagħda li nistgħu nikkonkludu dan il-ġemellaġġ. Huwa qal li ġie mitlub min-naħa Taljana biex jibgħat abozz tal-ftehim, bl-Ingliz u bit-Taljan, li għandu jiġi ffirmat bejn iż-żewġ naħat. Dan rieduh biex jippreżentawh lill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin Taljani. Żied igħid ukoll li ġie mitlub jibgħat b'urġenza l-ismijiet tad-delegazzjoni ħalli jkunu jistgħu jirriservaw il-lukanda.

2.1.ii Kien hawnhekk li l-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku li d-delegazzjoni tkun magħmula minnu (is-Sindku), il-Viċi Sindku Joseph Scicluna, u l-Kunsillieri Joe Piscopo u Frank Psaila. Ġie deċiż ukoll li f'każ li xi ħadd minn dawn il-persuni għal xi raġuni ma jkunx jista' jmur, allura minfloku tidħol is-Sinjura Luċia Massa.

2.1.iii Ġie deċiż ukoll li, peress li Frank Psaila ma kienx preżenti, għandha tinbagħtlu ittra fejn jiġi mgħarraf bid-deċiżjoni tal-Kunsill u biex sal-Ġimgħa, 2 ta' Novembru jikkonferma jew xort'oħra d-deċiżjoni tal-Kunsill biex hu jkun jagħmel parti mid-delegazzjoni.

2.1.iv Is-Sindku talab lill-Kunsillieri li kienu se jagħmlu parti mid-delegazzjoni biex ukoll sal-Ġimgħa, 2 ta' Novembru jikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom.

2.2 Dwar il-''Gimgħa ta' Demokrazija '', is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa ma' l-Għaqdiet tar-Raħal marbuta ma' din l-attivita' se ssir il-Ġimgħa, 9 ta' Novembru 2007 fis-6.00 p.m. fis-Sala Komunitarja.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-30 ta' Ottubru 2007, fosthom :

a) Ittra mill-Boys' Juniour Lyceum ta' Raħal Ġdid, fejn hemm jattendu anke tfal minn Ħal Luqa, li titlob għal donazzjoni biex tagħmel tajjeb għal parti mill-ispejjeż involuti f'attivita li se tittella' fl-okkażjoni tal-Milied.

b) ittra mingħand E. Theuma & Com. Ltd. dwar stima għall-monument propost biex jitfakkru l-Vittmi tal-Gwerra. Din l-istima li tlaħħaq għal Eur 24,500 ma ġietx milqugħa;

c) email mill-AKL dwar laqgħa għall-Kunsillieri, Reġjun Xlokk, li se ssir is-Sibt 24 ta' Novembru 2007 ;

d) email mill-MEPA dwar skema ta' għoti ta' flus għal dawk is-sidien ta' djarhom li jridu jirrestawraw il-gallarija ta' l-injam jew jibdlu l-gallarija eżistenti ma' waħda ta' l-injam;

e) email dwar il-kampanja *"Clean up the World"*

**4. RARRORT FINANZJARJU TA' KULL TLIET XHUR**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-Rapport Finanzjarju tal-Kunsill għall-perijodu ta' Lulju/Settembru 2007.

4.2 Is-Sindku qal li kopja ta' dan ir-rapport kienet intbgħatet minn jiem qabel lill-Kunsillieri kollha u għalhekk talab għal xi domandi jew kummenti dwaru.

4.3 Wara li saru xi domandi u ngħataw it-tweġibiet għalihom, is-Sindku ressaq ir-Rapport għall-voti. Dan ir-Rapport ġie approvat unanimament.

**5. MOZZJONIJIET**

5.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid li : **l-Kunsill japprova li ssir il-mixgħela tat-toroq għal matul il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.**

5.1.i Wara ntervent qasir mis-Sindku, il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**6. ĦLASIJIET**

6.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-30 ta' Ottubru 2007 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fl-4.00 p.m. is-Sindku aġġorna l-laqgħa għas-27 ta' Novembru fl-istess ħin.

  - Konfermati llum 20 ta' Novembru 2007.

| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |
|---|---|